# L-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz li jiftaħ għada huwa żball

- **Minkejja li l-Gvern qed jgħid li laħaq ftehim mal-Kummissjoni Ewropea, ħadd ma jaf ma' min innegozja**
- **Li 1,546 nassab se jaqbdu biss il-kwota ta' 5,700 għasfur f'xahrejn u nofs hija farsa**
- **L-insib għall-Pluviera u l-Malvizz diġà huwa suġġett għal Proċeduri ta' Ksur tal-UE, b'hekk Malta qed tirriskja li terġa' tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea**

L-istaġun tal-insib li se jiftaħ għada huwa żball. L-insib din is-sena se jkun permess biss għall-Malvizz u l-Pluviera wara s-sentenza storika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Ġunju li għadda li sabet lil Malta ħatja li kisret id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar meta ppermettiet li jerġa' jinfetaħ staġun tal-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana fl-2014. Imma dan il-verdett tal-Qorti Ewropea bagħat messaġġ indirett lill-Gvern biex iwaqqaf ukoll l-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz għax il-metodoloġija tal-qbid u l-kontroll ta' dawn l-ispeċi hija l-istess bħal dik li tintuża fl-insib għall-għasafar tal-għana.

Minkejja f'dan, f'Lulju, xahar biss wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea, il-Kumitat Ornis adotta proposta li tressqet mill-kaċċaturi u ddeċieda li jirrakkomanda lill-Gvern il-ftuħ ta' staġun tal-insib għal dawn iż-żewġ speċi. Dan minkejja li huwa ċar li s-sentenza tal-Qorti Ewropea fuq l-insib għall-għasafar tal-għana għandha implikazzjonijiet diretti fuq l-insib għal kull speċi oħra, u minkejja li d-deroga għall-insib tal-Pluviera u l-Malvizz diġà hija suġġetta għal Proċeduri ta' Ksur li nfetħu mill-Kummissjoni Ewropea fl-2011. Għaldaqstant l-istaġun, li jiftaħ għada s-Sibt u jibqa' miftuħ sal-aħħar tas-sena, se jesponi lil Malta għal riskju serju li tiffaċċja kawża oħra quddiem il-Qorti Ewropea.

Minkejja li hu konxju ta' din il-possibbiltà, aktar kmieni din il-ġimgħa, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ħabbar li qed jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Ornis u se jkun qed jiftaħ l-istaġun tal-insib għal din is-sena wara li skont hu laħaq ftehim mal-Kummissjoni Ewropea. Minkejja li ġie mistoqsi ma' min fi Brussell innegozja dan il-ftehim, il-Gvern s'issa għadu ma weġibx. Fid-dawl ta' dan, BirdLife Malta kitbet lill-Kummissjoni Ewropea u qed tistenna aktar dettalji. Hu fatt magħruf li l-Kumissjoni Ewropea qatt ma taqbel ma' derogi mal-pajjiżi u titlob biss ġustifikazzjoni wara li dawn jiġu implimentati.



Filwaqt li tesprimi sodisfazzjon għall-fatt li l-Gvern intrabat li jirrispetta d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fuq l-insib għall-għasafar tal-għana – kwistjoni li issa hi magħluqa – f'dan l-istadju BirdLife Malta tista' biss tispera li l-Kummissjoni Ewropea ma ġietx mgħoddija biż-żmien billi ġiet imwiegħda mill-Gvern li se jikkontrolla l-kwoti u li se jirnexxilu jiżgura li dawn ma jinqabżux fil-każ tal-Pluvieri u l-Imlievez. Dan għaliex li ftit aktar minn 1,500 nassab se jaqbdu biss il-kwota ta' 5,700 għasfur f'xahrejn u nofs mhi xejn ħlief farsa. Il-kwoti nazzjonali maqbula għal dan l-istaġun huma ta' 700 Pluviera u 5,000 Malvizz.

Kien fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis fl-10 ta' Ottubru – issa mmexxi miċ-Chairman il-ġdid Dr Joseph Grech – li l-membri tal-Kumitat ġew infurmati li għal dan l-istaġun total ta' 1,546 nassab applikaw għal-liċenzja speċjali meta ntlaqgħu l-applikazzjonijiet bejn l-20 ta' Awwissu u l-5 ta' Settembru. Filwaqt li 977 applikaw biex ikunu jistgħu jonsbu għaż-żewġ speċi, kien hemm 380 applikazzjoni oħra għall-insib tal-Pluviera u 189 applikazzjoni oħra għall-insib tal-Malvizz biss. Fis-snin li għaddew l-ammont ta' nassaba għal dawn iż-żewġ speci kien ikun inqas minn 1,200 u allura madwar 300 nassab li qabel kienu jonsbu għal tal-għana issa applikaw biex jonsbu għall-Pluviera u l-Malvizz.

Min-naħa l-oħra ninnutaw b'sodisfazzjon li wara snin twal niġġieldu biex il-lista tal-imnasab reġistrati f'Malta tkun pubblika, tant li kellna anke nirrikorru quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, issa minn dan l-istaġun il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) ippubblikat fuq is-sit elettroniku il-lista tal-imnasab reġistrati u s-siti fejn jinsabu.

Fil-konferenza stampa ta' nhar l-Erbgħa, il-Gvern ħabbar il-miżuri ta' din id-deroga x'se jkunu u llum il-Gvern ippubblika l-avviżi legali f'dan ir-rigward. Il-lista ta' miżuri tinkludi l-użu ta' xbieki b'malji akbar (minn 30mm għal 45mm) biex jiġi evitat il-qbid ta' għasafar iżgħar, xi ħaġa li xorta ma teliminax il-metodoloġija mhux selettiva, għax jistgħu jinqabdu xorta waħda għasafar protetti oħra tal-istess daqs jew ikbar mill-Pluvieri u l-Imlievez – riskju li ssemma mill-Qorti Ewropa fis-sentenza tagħha. Kundizzjoni oħra ġdida hija li x-xbieki jiġu żarmati jew mgħottija matul il-lejl u meta n-nassab jitlaq mill-post, miżura li l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kienet xettika kemm se tkun biżżejjed.

Anke l-Avukat Ġenerali, wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea, kien identifika għadd ta' riskji marbutin mal-ftuħ ta' staġun tal-insib din is-sena. Fost dawn semma l-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li l-użu ta' xbieki (clap-nets) mhuwiex metodu selettiv ta' qbid għal żewġ raġunijiet: (i) li f'dawn ix-xbieki jistgħu jinqabdu għasafar oħrajn, u (ii) li dawn ix-xbieki jistgħu jaqbdu aktar għasafar milli hu permess mill-kwoti stabbiliti. L-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) kienet esprimiet id-dubji tagħha wkoll dwar l-ammont ta' xbieki li se jintużaw tul l-istaġun, xi ħaġa li s-sentenza tal-Qorti Ewropea kienet identifikat bħala sors ta' qbid aċċidentali ta' annimali oħrajn (*bycatch*).

Bidla oħra hi li l-użu ta' apparat tal-għajjat elettroniku (bird callers) issa se jsir illegali. Jekk jinstab apparat tal-għajjat artifiċjali f'mansab, dan jiġi kkonfiskat u l-mansab jitneħħa mill-ewwel minn fuq ir-reġistru. Miżura ġdida oħra hi li kull nassab issa jista' jirreġistra biss sit wieħed minflok tnejn, b'massimu ta' żewġt ixbieki.

Kollox ma' kollox, BirdLife Malta hija ddiżappuntata li għal darba oħra l-Gvern se jkun qed jippermetti li l-kampanja ta' Malta, inkluż art pubblika u anke siti Natura 2000,



jiġu kkapparrati minn 1,500 ruħ, bir-riskju li Malta terġa' tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea. Aktar u aktar meta wieħed jiftakar x'kien ġara fil-każ tal-insib għall-għasafar tal-għana meta l-Onorevoli Roderick Galdes kien qal li sab il-famuża 'loophole' biex il-Gvern jidderoga, u Malta spiċċat tilfet il-każ bl-għeruq u x-xniexel quddiem il-Qorti tal-Lussemburgu. L-istess jista' jerġa' jiġri anke b'din id-deroga.

L-istaġun tal-insib tal-ħarifa 2018 se jkun miftuħ bejn l-20 ta' Ottubru 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 (iż-żewġ dati inklużi). F'dawn il-ġranet l-insib jista' jsir kuljum (inkluż Sibtijiet u Ħdud) minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżulha. Kull attività illegali waqt l-istaġun għandha tkun irrappurtata mill-ewwel lill-Pulizija fuq in-numru 119, u mbagħad lil BirdLife Malta fuq 2134 7645/6 inkella fuq in-numru tal-emerġenza (barra l-ħinijiet tal-uffiċċju) 7925 5697, idealment flimkien mad-dettalji tal-post fuq il-GPS u ritratti.

Biex tkun taf aktar l-insib u l-liġijiet li jirregolaw l-istaġun, żur it-taqsima dwar l-insib fuq is-sit elettroniku tagħna hawnhekk. F'din it-taqsima tista' ssib ukoll gwida li tista' tniżżel u li turik pass pass kif għandek tirrapporta każi ta' nsib illegali lill-pulizija.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Informazzjoni dwar l-istaġun tal-insib
- Ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis lill-Gvern biex jiftaħ l-istaġun
- Ir-reazzjoni ta' BirdLife Malta għar-rakkomandazzjoni tal-Ornis biex jinfetaħ l-istaġun
- Is-sentenza storika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fuq l-insib għall-għasafar tal-għana
- Ir-reazzjoni ta' BirdLife Malta għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja
- It-tħabbir tal-istaġun tal-insib ta' din is-sena
- Il-lista tal-imnasab reġistrati f'Malta u fejn jinsabu
- Google Map li turi l-1,800 mansab mifruxin madwar il-kampanja f'Malta

**Ritratti mehmużin:**
1. Pluviera f'gaġġa (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Malvizz (Ritratt ta' Aron Tanti)

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://youtu.be/WO8Jjz9rIkc
- Pluvieri fil-gaġeġ (Filmat u muntaġġ ta' BirdLife Malta)

